NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

Settembru - Ottubru 2000 Nru: 116

# IL-FUNERAL TA' MONS. EMANUEL MERCIECA
## ARĊIPRIET EMERITU TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

**Nhar il-Ħadd, 27 ta' Awissu, filgħaxija, Mons. Emanuel Mercieca ħalla dan il-wied ta' dmugħ fl-Isptar San Luqa fejn kien ittieħed b'urġenza ftit qabel. L-aħbar tal-mewt tiegħu ġiet immedjetament komunikata lill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia u tħabbret uffiċjalment f'Għawdex 'l għada t-Tnejn meta, fis-5.45 a.m. il-qampiena l-kbira tal-Bażilika ta' San Ġorġ daqqet it-tliet tokki tal-mewt. Fis-7.15 a.m. il-qniepen kollha ħabbru l-aħbar ta' niket tal-mewt ta' dan is-saċerdot benefattur kbir tal-Parroċċa permezz ta' "mota mewt" ta' nofs siegħa. Il-funeral tiegħu tħabbar għall-għada, it-Tlieta fil-għaxija. Fuq ordni straordinarja ta' l-Arċipriet, fil-jiem tat-Tnejn u t-Tlieta, il-kampnar daqq solennement bil-kbira fil-għodu, f'nofs inhar u fil-għaxija.**



Imwieled fil-belt Victoria fl-24 ta' Diċembru 1910, u mgħammed fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Mons. Mercieca kien is-saċerdot l-aktar anzjan ta' Għawdex u sa ftit xhur ilu kien għadu attiv bħala direttur ta' l-Uffiċċju Opri Pontifiċji Missjunarji tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Ordnat saċerdot fil-25 ta' Lulju 1937 mill-Isqof Mons. Mikiel Gonzi fil-Konkatidral ta' San Ġwann, Valletta, Dun Manwel Mercieca sar immedjetmanet magħruf ma' Għawdex kollu għall-predikazzjoni tiegħu, kiseb isem bħala għalliem tal-Latin fis-Seminarju ta' l-Isqof u aktar wara serva bħala professur tat-teoloġija morali u prefett ta' l-istudji fis-Seminarju Maġġuri f'liema kariga dam għal 16 il-sena. Kien eżaminatur pro-sinodali fil-Kurja, kanċellier ta' diversi visti pastorali u bosta drabi vigarju sostitut ta' l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai, il-predeċessur tiegħu fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Kien għadu ta' eta' żagħżugħa meta rebaħ konkors għal kanonikat fil-Kapitlu Katidrali fejn qeda' dmirijietu b'assidwità u eżemplarità. Għal ħafna snin kien assistent ekkleżjastiku fl-Azzjoni Kattolika u qatt ma naqas mis-sigħat twal ta' qrar fil-konfessjonarji jew fis-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ.

Wara r-riżenja ta' Mons. Cefai li kien inħatar Vigarju Ġenerali ta' Għawdex, fl-1976 l-Eċċ. T. l-Isqof Mons. Nikol Cauchi ħatar lil Mons. Mercieca bħala ragħaj spiritwali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Mons. Mercieca, għalhekk, kien l-ewwel parroku maħtur minn mindu l-mibki Mons. Isqof Ġużeppi Pace kien fired lil din il-Parroċċa, għal mijiet ta' snin il-parroċċa waħdanija tar-Rabat u ta' Għawdex kollu, mill-irbit inġust li kellha ma' l-arċipretura tal-kolleġġjata tal-kastell. Fl-istess waqt Mons. Mercieca inħatar ukoll l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata l-ġdida ta' San Ġorġ imwaqqfa b'digriet maħruġ mill-Isqof Cauchi fit-8 ta' Diċembru 1975. Il-Papa Pawlu VI ħatru Prelat ta' l-Unur tiegħu u ftit wara Protonotarju Apostoliku.

Mons. Mercieca jibqa' miftakar għall-ħidma li wettaq sabiex il-Parroċċa ta' San Ġorġ terġa' tikseb l-indipendenza ġuridika li kellha sas-seklu 17 qabel ma kienet ġiet magħquda ma' l-arċipretura tal-kolleġġjata tal-kastell fl-1689. Permezz tal-ħidma tiegħu reġgħet kisbet il-libertà li kienet teħtieġ biex ittejjeb il-ħidmiet pastorali tagħha għall-ġid tal-poplu Nisrani kollu. Bħala arċipriet ta bidu għall-bini ta' sagristija ġdida u ta' Ċentru Parrokkjali ġdid, ma' liema Ċentru propju bħalissa qed jinbena annexe li tinkludi sagristija ġdida, residenza għas-saċerdoti, kappella għas-Santissimu li tkun tista' sservi wkoll ta' oratorju, u spazji oħra għal servizzi oħrajn meħtieġa. Mons. Mercieca jista' jissejjaħ verament, kif sejjaħlu dan l-aħħar l-Arċipriet Farrugia, "l-ewwel benefattur ta' dan il-proġett".

Bħala arċipriet ta' San Ġorġ, Mons. Mercieca ta bidu għal riforma fl-amministrazzjoni tal-Parroċċa. Kien

*ikompli f'paġna 7*

# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*





*Uffiċċju Editorjali:* **Centru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

| | |
|---|---|
| 13-07-00 | **Francesca** bint Anton Buttigieg u Audrey Galea |
| 22-07-00 | **Maronia** bint Teddy Azzopardi u Gracie Parnis |
| 22-07-00 | **Leah** bint Josef Camilleri u Claire Debono |
| 23-07-00 | **Yanica** bint George Cini u Roberta Attard |
| 23-07-00 | **Ġużeppi** iben Joseph Attard u Mary Gambin |
| 22-08-00 | **Jean** iben Paul Cremona u Maryann Portelli |
| 27-08-00 | **Maria** bint Joseph Carmel Attard u Michelle Zammit |
| 21-09-00 | **Anthony Joseph** iben Martin Xuereb u Ruth Schembri |
| 22-09-00 | **Frank** iben Anthony Ellis u Anna Cremona |

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

| | |
|---|---|
| 05-08-00 | Lorenza Vella u Carmel Grech |
| 12-08-00 | Jacqueline Debone u Jeffrey Bonnici |
| 02-09-00 | Francine Caruana u Paul Galea |
| 15-09-00 | Gracie Cassar u Albert Mizzi |
| 23-09-00 | Marika Scicluna u Christopher Vella |
| 07-10-00 | Joyce Azzopardi u Joseph Borg |
| 14-10-00 | Sarah Cassar u Tonio Ellis |

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

| | | | |
|---|---|---|---|
| 30-06-00 | Ġanni Micallef | 21-08-00 | Maria Attard |
| 09-07-00 | Ġużeppi Cassar | 23-08-00 | Ġużeppa Abela |
| 19-07-00 | Carmena Frendo | 27-08-00 | Mons. Emanuel Mercieca, *Arċipriet Emeritus* |
| 02-08-00 | Ġużeppi Zammit | | |
| 05-08-00 | Anton Attard | | |
| 06-08-00 | Stella Attard | 06-09-00 | Frances Zammit |
| 12-08-00 | Ġużeppi Calleja | 15-09-00 | Ġanni Xerri |
| 16-08-00 | Charlie Grech | | |

**Grazzi**

### *Donazzjonijiet b'risq ir-Rivista*

| | |
|---|---|
| George Grech – Toronto, Canada: | Lm20 |
| Anthony Gatt – Australia: | A$50 |
| Martha u Joe Farrugia – Australia: | Lm5 |
| Ignazio Saliba – Canada: | Lm5 |
| Frank Spiteri – United States: | US$20 |
| Anthony Grech – United States: | US$20 |


**SAJF 2001** **Ingħaqad Magħna f' waħda minn dawn il-Ħarġiet**

a. **LOURDES** – *Lejn l-aħhar ta' Lulju*

b. **RUMA - NAPLI - FOGGIA** – *F'Nofs Lulju*

c. **FATIMA** u **LISBONA** – *f'Mejju*

***Għal kull informazzjoni rrikorri fl-Uffiċċju Parrokkjali***


# Editorjal ...

## Ħidma bla Waqfien

Meta qed nibdew sena soċjali oħra, hawn min forsi jaħseb li matul ix-xhur tas-sajf il-ħidma fil-parroċċa tkun ħadet vaganza wkoll matul dan l-istaġun. Dan żgur li hu ħafna bogħod mill-verita'.

Matul is-sajf il-parroċċa tagħna baqgħet għaddejja b'ħidma f'kull qasam. Ix-xogħol fuq il-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali ma waqafx u jidher, mill-għajnuna li qed tingħata, li ħafna huma dawk li fehmu li dan hu proġett li jħares 'il bogħod, li jpoġġi quddiemna l-ħtiġijiet li ser tiffaċċja l-parroċċa tagħna fiż-żminijiet li ġejjin. L-appelli għall-għajnuna qed isibu min jagħti kashom u żgur li oħrajn jibdew jindunaw kemm dan il-proġett għad ikun ta' benefiċċju għall-komunita' parrokkjali tagħna.

Spikka b'mod partikolari matul dan is-sajf il-pellegrinaġġ tal-Parroċċa tagħna, f'din is-sena tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000 lejn il-Belt Eterna: iktar minn mitt ruħ ingħaqdu magħna. Matul l-għaxart ijiem ta' din il-mawra fl-Italja żorna dawk il-postijiet li tant huma għeżież u maħbuba. Din l-esperjenza hija rakkuntata f'artiklu speċjali f'din il-ħarġa.

Grupp ieħor organiżżat mill-parroċċa tagħna għamel żjara lill-belt tal-Madonna Lourdes. L-esperjenza ta' mijiet ta' persuni li permezz tagħna żaru din il-belt Marjana qed tkun ta' inkorraġiment lil ħafna oħrajn biex jingħaqdu f'dan il-pellegrinaġġ li ta' kull sena norganizzaw. Ġa kien hemm min mar iniżżel ismu għas-sena li ġejja!

Matul is-sajf issoktaw ukoll ħidmiet oħra ta' natura pastorali bħalma kien seminar dwar il-festa li ħie organiżżat f' Dar Manresa u li ta ħarsa fil-fond dwar kull aspett tal-festa parrokkjali bil-għajnuna għaqlija ta' Fr Fabio Attard SDB. Żgur li din l-inizjativa ser tgħin biex il-festa popolari tagħna ma tkunx biss spettaklu għall-barranin li bir-raġun jiġu jgawduha, imma ukoll tkun ta' għajnuna biex il-komunita' parrokkjali tagħna tkun verament xhieda ta' ħajja verament nisranija.

## Tislima

Il-Bord Editorjali jħoss li għandu jsellem lill-Wisq Rev Mons Emanuel Mercieca, Arċipriet Emeritus, li ħalla dan il-wied tad-dmugħ nhar il-Ħadd 27 t'Awissu. Kien fi żmien Mons Mercieca li fih twieldet ir-rivista' tagħna u, waqt li l-opri li ħalla fil-Parroċċa żgur juru l-imħabba li kellu għaliha, kull ħarġa ta' dan il-fuljett hija monument ħaj ta' l-impenn pastorali li kellu Mons Mercieca matul l-Arċipretura tiegħu. Waqt li nitolbu lill-Mulej li jagħtih kif jisthoqqlu l-mistrieħ ta' dejjem, jalla nkomplu ngħożżu u nżommu ħajja l-ħidma li huwa wettaq b'risq il-Kommunita' Parrokkjali tagħna.

# ĦAMSIN SENA TA' ĦAJJA KKONSAGRATA

***Nhar il-Ħadd 6 ta' Awissu 2000 Sister Andreina Attard u Sister M. Luisetta Sicluna ċċelebraw għeluq il-Ħamsin Sena ta' Ħajja kkonsagrata mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Dawn iż-żewg sorijiet, it-tnejn mill-Parroċċa tagħna kellhom tabilħaq sabiex jifirħu f'dan il-jum sabiħ. Huma taw ħajjithom għas-servizz ta' Alla u tal-Komunita' Nisranija. Il-Board tar-Rivista jifirħilhom u jixteqilhom "Ad Multos Annos".***

## Sister Maria Luisetta Scicluna



Twieldet fl-1928, bint Antonio Scicluna u Carmela neè Grech; ġiet mgħammda fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u mogħtija l-isem ta' Maria Dolores. Daħlet soru fl-età ta' 20 sena u ġiet mogħtija l-isem ta' Sr. Maria Luisetta.

Matul 50 sena ta' ħajja reliġjuża hi tat is-sehem tagħha f'bosta djar li s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għandhom kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, fosħom dik ta' l-Isla, tal-Pilar fil-Belt Valletta, l-Istitut Kattoliku, San Ġwann (l-Imsieraħ), San Pawl il-Baħar u x-Xemxija, x-Xagħra u l-Qala.

F'dawn il-lokalitajiet hi għallmet fl-iskola ta' l-istess sorijiet kif ukoll id-duttrina f'diversi ċentri parrokkjali.

Illum tinsab fil-Casa Madre fi Triq Palma, Victoria, fejn toffri l-ħidma tagħha fit-theijija ta' l-Ostji għall-knejjes Għawdxin.

## Madre Andreina Attard



Madre Andreina Attard twieldet fil-Belt Victoria nhar il-25 ta' Mejju 1928, bint Gużeppi Attard u Maria Antonia nee' Cassar. Fl-1948 hija ingħaqdet mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Gesu' bħala Postlanta u għamlet in-Novizzjat ta' sentejn bejn l-1949 u l-1950. Hija għamlet il-Professjoni semplici fit-3 ta' Awissu 1950 u dik Perpetwa fit-3 ta' Awissu 1953. Il-ħidma ta' Sister Andreina kienet mifruxa sewwa.

Hija ħadmet mas-Sorijiet barra minn Malta f'Bari, f'Ascoli Piceno, Parigi u Ruma. Hija għamlet bosta snin bħala Superjura f'Diversi djar bejn l-1958 u l-1970. Bejn l-1972 u l-1985 hija kienet responsabbli mid-Dar tax-xjuħ li s-Sorijiet Frangiskani għandhom fil-Mosta.

Bħalissa Madre Andreina hija s-Superjura tas-Sorijiet li jservu fil-Kurja Arciveskovili ġewwa Malta u ilha hemm mill-1992.

# Rokna għat-Tfal

Il-qawl Malti jgħid: "Wara l-beraq jiġi l-meraq!" U dan li nistennew issa li daħlet il-ħarifa – inqas shana, arja ftit iktar kiesħa u xi bexxa xita. U ma dawn kollha, jerġgħu beraħ il-biebien ta' l-iskejjel għal eluf kbar ta' tfal u żgħażagħ. Issa spiċċa l-ġiri u x-xalar u hemm bżonn li nerġgħu mmiddu għonqna għax-xogħol. Għal kollox hemm ħinu. Irridu naraw li nsibu ħin għal kollox. Fuq kollox importanti li ma naqilbux l-iskala tal-valuri u ma nqiegħdux il-karettun qabel iż-żiemel. Dan japplika mhux biss għall-istudenti tagħna, iżda wkoll għall-ħaddiema kollha, ta' l-id u tal-pinna.

Fil-parroċċa tagħna wkoll jibdew il-lezzjonijiet tad-duttrina u bosta inizzjattivi oħra. Bil-Malti ngħidu li "x-xitwa ġabra" u dan hu kollu minnu. Il-familja kollha terġa' lura għar-rutina tas-soltu u kulħadd jerġa' lura fuq xogħlu. Kull wieħed u waħda minna għandu jħoss il-ħtieġa li jagħmel "time-table" u jorganiżża ruħu biex fl-aħħar ikun jista' jaħsad il-frott ta' ħidmietu.

Bla dubju, meta r-rivista tasal fi djarkom, inkunu resqin lejn Novembru, ix-xahar ta' l-Erwieħ u tal-Qaddisin kollha. Id-drawwa li nżuru ta' spiss iċ-Ċimiterji tagħna għadha ħajja fostna u jalla tkompli tissaħħaħ. Xieraq li f'dan iż-żmien għażiż tas-sena niftakru iktar f'dawk li ħallewna għax kieku ma kenux huma, kieku aħna m'aħniex hawn. Imma dwar dan u dak kollu li għandhom merfugħ għalina l-aħħar xarejn tas-sena, nitkellmu fil-ħarġa li jmiss. Sadanittant ejjew niġbdu ħabel wieħed u naħdmu bħala familja waħda għal ġid ta' kulħadd.

# ŻGĦAŻAGĦ FIL-PARROĊĊA

Wara s-suċċess li inkiseb fil-weekend li għamilna f'Marzu li għadda, il-kumitat rappreżentattiv taż-żgħażagħ fi ħdan il-parroċċa organiżża ieħor f'Settembru. Dun Ġiovanni Curmi - delegat ta' l-isqof għaż-żgħażagħ - mexxa dan il-live in li fih ipparteċipaw madwar 40 żagħżugħ u żagħżugħa mill-parroċċa ta' San Ġorġ. F'dawn it-tlett ijiem kellna ħin għaċ-ċelebrazzjani tal-quddiesa, għas-sessions/talks interessanti li kienu preparati mill-leaders, kif ukoll ħin għal logħob u mistrieħ.

Fis-sajf ukoll ġiet organizzata bil-kbir il-Festa ta' xhieda nisranija - dak in-nhar li nħarġet l-istatwa ta' San Ġorġ min-niċċa. Għal din l-okkażjoni il-Bażilka kienet ippakkjata b'żgħażagħ li ipparteċipaw b'mod sħiħ fil-laqgħa li kienet immexxija tajjeb ħafna minn Mons. Salv Borg.

F'Settembru rappreżentanti mill-kumitat taż-żgħażagħ ħadu sehem f'diskussjoni djoċesana għal-leaders taż-żagħżagħ f'Għawdex, organizzata mill-KDŻ. Għal din l-okkażjoni ġie iffurmulat rapport fuq il-ħidma tal-kumitat taż-żgħażagħ fil-parroċċa. Għall-bidu ta' Ottubru numru ta' leaders ħadu sehem f'irtir fil-Kunvent ta' Santu Wistin, mill-KDZ ukoll.

Wara l-waqfa tas-sajf, minn Ottubru, il-kumitatt haseb biex jerġa' jibda l-quddiesa ta' l-ewwel ġimgħa tax-xahar, kif ukoll laqgħa formattiva ta' darba fix-xahar.

**L-Orazzjoni Funebri**
**li għamel**
**Monsinjur Ġużeppi Farrugia**
**S.Th.D., S.Th.L.(Dogma) (PUG),**
**Arċipriet u Prelat *ad honorem* tal-Qdusija Tiegħu,**
**waqt l-Esekwiji Solenni**
**u l-Konċelebrazzjoni preseduta minnu b'suffraġju**
**ta' l-Ill.mu u Rev.mu**
**MONSINJUR EMANUEL MERCIECA**
**Protonotarju Apostoliku,**
**Prelat *ad honorem* tal-Qdusija Tiegħu,**
**Arċipriet Emeritu tal-Kolleġġjata Urbana,**
**Kappillan Kavallier ta' l-Ordni Sovran Militari**
**Kostantinjan ta' San Ġorġ,**
**Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika 'La Stella'**
**fil-Bażilika ta' San Ġorġ,**
**nhar it-Tlieta, 29 ta' Awissu**
**fis-sena 2000 tal-Ġublew il-Kbir**

*Non moriar sed vivam, et narrabo opera Domini!* Ma mmutx imma ngħix, u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej.

Kelmiet, dawn, ta' tifħir! Għemil ta' radd il-ħajr! Talba fiduċjuża li Sidna Ġesù Kristu għolla lejn il-Missier Divin tiegħu fir-rit tal-Hallel, rit li flimkien ma' l-appostli tiegħu ċċelebra awl il-lejl qabel it-tbatija tiegħu.

*Non moriar sed vivam, et narrabo opera Domini!* Ma mmutx imma ngħix, u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej.

Kelmiet, dawn, ta' tifħir, radd il-ħajr u supplika fiduċjuża li Mons. Mercieca qed jgħolli lejn l-istess Missier Divin permezz tagħna, illejla, awl il-lejl qabel id-difna tiegħu.

Ma mmutx imma ngħix, u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej.

Ma mmutx!

Isimgħuhom - ħuti fis-saċerdozju, ħuti Nsara - dawn il-kelmiet ta' verità herġin minn fomm dan is-saċerdot xwejjaħ li tixraqlu tant - u tant - l-għożża tagħna, ilkoll kemm aħna l-ulied spiritwali ta' din il-Komunità Nisranija, l-għajn materna tal-ħajja Nisranija f'din il-gżira.

Iva, isimgħuhom dawn il-kelmiet ta' verità straordinarja: *Non moriar sed vivam!* Ma mmutx, imma ngħix! Isimgħuhom u stagħġbu bihom! Bir-raġun! Għax illejla kollox juri u jgħid il-kuntarju. "L-Arċipriet Mercieca miet!" - tgħid id-dinja, u ma nlumuhiex, għax id-dinja ma tafx b'ħajja oħra. Il-ġurnali u l-mezzi tax-xandir "Monsinjur Mercieca miet" qalu, u ma nistennewx li nisimgħu minn għandhom ħaġa oħra għax, wara kollox, li jagħtu din l-aħbar hu dmirhom. It-tokki gravi tal-qniepen ta' din il-bażilika l-mewt bkew, u ma nċanfruhomx għax ma jifilhux jagħmlu mod ieħor. L-għajnejn tal-ġisem tagħna mtlew u demgħat tan-niket xerrdu, u kif inżommuhom lura ladarba għajnejna ma jitkellmux għajr għal qalbna li qed tħossha ltima u miftaqra bil-faqar ġdid li donnha ġabet fuqna din il-mewt, li donnha ġabet għalina din il-firda.

Imma, mill-ġdid, nitlobkom, ħuti, isimgħuhom il-kelmiet ta' verità straordinarja: Ma mmutx imma ngħix! Isimgħuhom mhux bis-smiegħ trux tal-ġisem ta' l-art imma bis-smiegħ li jisma ta' l-ispirtu. Isimgħuhom u ifhmuhom, mhux fid-dawl tal-kelmiet tal-poeta pagan li mbeżża' quddiem il-qerda li ġġib magħha l-mewt kien qal: *Non omnis moriar* - għax jekk il-poeta jmut il-poeżija tibqa'- imma fid-dawl tal-kelmiet ta' Sidna Ġesù Kristu li qal: *Non moriar!* Ma mmutx! U mhux il-poeżija li tkanta l-ħajja biss ma tmutx, imma jiena, il-poeta tal-ħajja ma mmutx! *Non moriar sed vivam!* "Ma mmutx imma ngħix", għax "jien hu l-ħajja" - *Ego sum vita* (Ġw 14,6) - jiena l-awtur tal-ħajja u "ħajti ħadd ma jeħodhieli imma jiena nagħtiha minn rajja" (Ġw 10,17-18) u dan nagħmlu biex "kull min hu ħaj u jemmen fija... ma jmut qatt" (Ġw.11.25-26)!

Iva, ħuti, isimgħuhom miegħi herġin minn fomm Mons. Emanuel Mercieca, dawn il-kelmiet ta' faraġ li jirfduna fin-niket tagħna f'dan il-waqt solenni tal-ħajja tiegħu, pellegrinaġġ li Alla sejjaħlu għalih disgħin sena ilu u li fih illum qed imidd l-aħħar pass tiegħu. Pellegrinaġġ Nisrani. Pellegrinaġġ Saċerdotali. Pellegrinaġġ Ġorġjan.

* * *

Wara li bil-kant tas-salmi, akkumpanjana l-fdal meqjum ta' ħuna fi Kristu, inġbarna f'din il-bażilika Nisranija biex f'isem Mons. Mercieca nagħtu xhieda ta' l-obbedjenza tal-bniedem lejn ir-rieda ta' Alla, Sid il-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Iltqgħajna hawn biex inroddu ħajr għall-barkiet u l-grazzji li sawwab fuq Mons. Mercieca u jsawwab fuqna Alla, l-Għajn ta' kull barka, u biex nitolbuh iħenn għal Mons. Mercieca, Alla, li hu għani fil-ħniena tiegħu magħna.

Sebgħin sena l-ħajja tal-bniedem, u tmenin jekk ikun b'saħħtu, jgħidilna l-ktieb ta' Koħelet. Mons. Mercieca għex għal għoddhom disgħin sena, tnejn u sittin minnhom bħala saċerdot Kattoliku attiv u mħeġġeġ għall-ħidma saċerdotali u pastorali sa l-aħħar. Ftit xhur ilu ħakmitu marda li wasslitu sal-mewt.





Imma, x'jien nghid? Meta sema' l-aħbar tal-marda li kienet ħakmet lill-ħabib tiegħu Lazzru, Ġesù kien qal: "Din m'hix marda tal-mewt, iżda hi għall-glorja t'Alla, biex biha tingħata glorja lill-Iben t'Alla" (Ġw.11,14). U hekk għandi nghid jien illum. Għax bil-mewt, illum, il-ħajja ma tintemmx imma tinbidel. Sidna Ġesù Kristu rebaħha l-mewt u rebaħ fuqha. U dan il-mument tal-mewt li qed jiċċelebra Mons. Mercieca ma hux, tabilħaqq, għajr mument ta' ħajja ġdida.

Hekku, ħuti, il-misteru tal-mewt fil-misteru ta' Sidna Ġesù Kristu! Hekku d-dawl li jdawwal il-mument preżenti ta' Mons. Mercieca: saċerdot li għex fostna, magħna, għalina.

Mons. Emanuel Mercieca beda l-pellegrinaġġ Nisrani tiegħu fostna fl-24 ta' Diċembru 1910, meta hekk kif twieled ġie miġjub f'din il-knisja parrokkjali tal-Belt Victoria biex jirċievi s-sagrament tal-ħajja l-ġdida: is-sagrament li saffieh mill-ħtija tad-dnub oriġinali, is-sagrament li tah id-dinjità ta' iben adottiv ta' Alla, is-sagrament li għamlu membru tal-Knisja ta' Kristu. Trabba għad-dell ta' dan it-tempju Ġorġjan, fil-qalba tar-Rabat, sakemm daħal fis-seminarju biex jirċievi l-formazzjoni umanistika u teoloġika meħtieġa għas-saċerdozju ministerjali.

U hekku li fil-25 ta' Lulju 1937, Mons. Mercieca beda t-tieni pellegrinaġġ tiegħu: dak tas-saċerdozju ministerjali. Ġie ordnat presbiteru mill-Isqof Mikiel Gonzi fil-kon-kattidral ta' San Ġwann tal-Belt Valletta. Iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni ta' radd il-ħajr f'din il-knisja parrokkjali fit-2 ta' Awissu ta' l-istess sena. Immedjatament Dun Manwel Mercieca sar magħruf ma' Għawdex kollu għall-predikazzjoni tiegħu. Kien saċerdot zelanti u intelliġenti, familjari ma' l-Iskrittura Mqaddsa u mal-kotba tat-teoloġija. Għamel paniġierċi, tkellem f'konferenzi u ta eżerċizzi spiritwali kullimkien.

Sa minn età żagħżugħa ġie magħżul b'konkors bħala kanoniku fil-Kapitlu Katidrali fejn serva b'assidwità u lealta' lejn l-isqof tiegħu u lejn id-dmirijiet pastorali li jobbligaw lis-saċerdot Kattoliku. Iva, f'dawn id-dmirijiet kien dejjem ġeneruż u l-preżenza kostanti u attiva tiegħu f'din il-knisja parrokkjali kienet xhieda ta' dan.

Intant Mons. Mercieca kien iwettaq ħidmietu wkoll fis-Seminarju ta' l-Isqof, l-ewwel bħala għalliem tal-Latin, ilsien li fih kien profiċjenti ħafna, u mbagħad b'nomina ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, bħala professur tat-teoloġija morali u prefett ta' l-istudji fis-seminarju maġġuri. Mons. Mercieca kien ukoll eżaminatur pro-sinodali fil-kurja, kanċellier ta' visti pastorali u bosta drabi vigarju sostitut tal-mibki Arċipriet Mikiel Cefai, il-predeċessur tiegħu f'din il-parroċċa bħala ragħaj spiritwali ta' l-erwieħ tal-Belt Victoria. Kien ukoll għal bosta snin assistent ekkleżjastiku fl-Azzjoni Kattolika.

Fl-1976, l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi ħatar lil Mons. Mercieca ragħaj ta' l-erwieħ tal-parroċċa ta' San Ġorġ: parroku fis-sensiela twila ta' parroċi li jdommu l-istorja venerabbli ta' din l-ewwel parroċċa tal-gżira Għawdxija u l-ewwel arċipriet tal-kolleġġjata l-ġdida.

U hawn forsi tiġi t-tentazzjoni lil xi ħadd li jgħid li mal-ħatra ta' Mons. Mercieca bħala parroku u arċipriet ta' San Ġorġ beda l-pellegrinaġġ Ġorġjan tiegħu. Kemm ikun 'il bogħod mill-verità!

Il-pellegrinaġġ Ġorġjan ta' Mons. Mercieca kien imnissel f'demmu u fl-ispirtu Nisrani tiegħu bħalma hu imnissel f'demmu u fl-ispirtu Nisrani tiegħu l-pellegrinaġġ ta' kull Ġorġjan.

*Non moriar sed vivam*, għajjat l-ispirtu Nisrani ta' Mons. Mercieca. Ma mmutx imma ngħix u nibqa' nxandar permezz tat-testimonjanza Nisranija li ħallejt warajja l-għemejjel tal-Mulej: għemejjel ta' mħabba, maħfra, servizz, ġenerożità u grazzja.

U hawnhekk, din il-ġemgħa ddur lejk, o Alla, u titolbok: Ilqagħhom dawn l-għemejjel tajba ta' ibnek adottiv u ħuna Mons. Mercieca, u roddlu l-ħena li tixraqlu skond il-fidi u l-għemejjel qaddisa tiegħu. U jekk naqas, kif nonqsu aħna lkoll minħabba d-dgħufija tagħna, uri ħniena miegħu u daħħlu fil-mistieħ tiegħek.

Ftakar fit-tjubija li wera ma' dawk kollha li fettxew u sabu l-faraġ u s-solidarjetà konkreta tiegħu. Sabuha din is-solidarjetà Nisranija l-morda li qatt ma nsihom u qatt ma naqas li jżurhom. Sabuha l-fqar li qatt ma naqas li jgħinhom. Sabuha l-iltima li qatt ma naqas li jieqaf magħhom. Sabuha l-aħwa Nsara mbiegħda minn Alla li qatt ma naqas li jaħseb fihom, jitlob għalihom u jfittixhom. Imma, nerġa' nsemmi fost kulħadd il-morda. X'eżempju għalina narawh u niltaqgħu miegħu jżur regolarment il-morda u l-anzjani fl-isptar u fid-djar tax-xjuħ. X'eżempju l-imħabba u l-attenzjoni delikata tiegħu magħhom kollha... u f'dawn l-aħħar snin ma' ħuh Ġużeppi fil-marda qalila li ħakmitu u issa għal snin rabtitu mas-sodda tas-sofferenza u l-umiljazzjoni.

Iva! *Non moriar sed vivam*, jgħajjat l-ispirtu Nisrani u saċerdotali ta' Mons. Mercieca. Araw il-fdal tiegħu mimdud ma' l-art quddiem l-altar tas-sagrifiċċju divin: hemm fejn jimtedd għal tulu kull saċerdot fl-ordinazzjoni tiegħu meta jmut għalih innifsu biex jgħix biss għal Alla, biex jingħata biss għall-poplu t'Alla, biex ikun biss strument ta' fejqan, dawl, evanġelizzazzjoni, solidarjeta u karità Nisranija.

*Non moriar sed vivam*! Ma mmutx imma ngħix, jgħajjat l-ispirtu saċerdotali u pastorali ta' Mons. Mercieca. Għax il-kelma tiegħu, li ma kinitx tiegħu imma ta' Kristu mqajjem mill-imwiet, għadha u tibqa' tinstema'; l-imħabba tiegħu, li ma kinitx tiegħu imma ta' Kristu li ħabbna sa l-aħħar, għadha u tibqa' tfarraġna; il-ħajja tiegħu, li ma kinitx tiegħu imma ta'





Kristu, għadha, tibqa' u issa hi aktar sħiħa fostna.

Iva, Mons. Mercieca: "Alla, li beda din l-opra tajba fik, issa jwassalha sat-tmiem", jiġifieri sal-milja fl-eternità.

Tabilħaqq,: *Non moriar sed vivam*! Ma mmutx imma ngħix, jgħajjat ma' l-ispirtu Nisrani u saċerdotali, l-ispirtu Ġorġjan ta' Mons. Mercieca.

U ma jistax jagħmel mod ieħor l-ispirtu ta' dan is-saċerdot li flimkien ma' l-Isqof Ġużeppi Pace, u b'ubbidjenza lejh, ħadem u stinka biex il-parroċċa ta' San Ġorġ - għal mijiet ta' snin inġustament imżebilħa fid-dinjità tagħha - fis-7 ta' Ġunju 1955 setgħet terġa' tikseb l-indipendenza ġuridika tagħha mill-arċipretura tal-kolleġġjata tal-kastell u tgawdi mill-ġdid il-liberta' għall-ħidma pastorali li kienet ittieħditilha b'ħażen inawdit fl-1689. Isem Mons. Mercieca, isem dawk is-saċerdoti u l-lajċi li ħadmu flimkien miegħu, isem il-kanoniċi tal-katidral li appoġġjaw ir-rieda ispirata miz-zelu u l-kuraġġ pastorali ta' l-Isqof Pace, hu miktub għal dejjem b'ittri tad-deheb fl-annali ta' l-istorja tal-Knisja f'Għawdex.

*Non moriar sed vivam*! Ma mmutx imma ngħix, jgħajjat permezz tagħna u fina Mons. Mercieca.

Mhux biss minħabba l-ħidma tiegħu favur is-separazzjoni tal-parroċċa ta' San Ġorġ mill-kolleġġjata tal-kastell, imma wkoll minħabba l-ħidma tiegħu favur id-dinjità li din il-parroċċa, il-qaddejja ta' l-Insara kollha ta' Għawdex kif dejjem kienet u għadha - b'unur uniku tagħha - sallum, kien jixirqilha. U għalhekk niżżuħ ħajr lil Mons. Mercieca li, mill-ġdid f'kollaborazzjoni obbedjenti mal-qatt minsi l-Isqof Pace u f'kollaborazzjoni ma' saċerdoti u lajċi oħra, ħadem biex dan it-tempju jiġi mgħolli għall-ġieħ ta' bażilika. Ġrajja li seħħet fis-6 ta' Settembru 1958 permezz ta' bolla iffirmata u promulgata mill-imqaddes Papa Piju XII. Il-Bażilika wkoll titkellem għal Mons. Mercieca u tistqarr f'ismu l-kelmiet tas-salmista: *Non moriar*!

Imma fuq kollox titkellem għalih il-Kolleġġjata li sa minn bosta snin il-kleru ta' din il-knisja parrokkjali antika xtaq u ħadem biex titwaqqaf. Mons. Mercieca tkebbes b'din ix-xewqa sa minn ċkunitu. Tgħallem mill-antenati tiegħu u tnikket għall-umiljazzjonijiet li l-Parroċċa tiegħu u tagħna sofriet minħabba l-oppożizzjoni ta' min kien għani fis-saħħa ġuridika u f'saħħiet oħrajn li ma kienux tas-sema. Imma, mimli kuraġġ, issa li l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kienet ħielsa mill-irbit inġust li kien għal tant snin jifniha, ressaq it-talba ta' dan il-poplu u sab id-disponibilta' tal-maħbub Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi li għaraf li kellha ssir ġustizzja fejn din kienet nieqsa, kellu jingħata l-ġieħ fejn dan kien mistħoqq u kellhom jitqiegħdu l-kondizzjonijiet neċessarji biex il-ħidma pastorali ta' din il-Parroċċa tkun tista' titwettaq għall-akbar ġid ta' l-erwieħ.

Pellegrinaġġ Nisrani! Pellegrinaġġ Saċerdotali! Pellegrinaġġ Ġorġjan! Din kienet il-ħajja fuq l-art ta' l-Arċipriet Emanuel Mercieca. Din kienet il-mixja li mexa. Din kienet il-ħajja tat-tħejjija tiegħu għas-sema.

*Non moriar sed vivam*! Ma mmutx imma nibqa' ngħix!

"Tinsewnix", jitlobna Mons. Mercieca. Ftakru fija, għax jiena, ħaj, se nibqa' fostkom u nitlob għalikom.

*Non moriar sed vivam*! Ma mmutx imma nibqa' ngħix!

"Tinsewnix", issejħilna din ir-ruħ saċerdotali. Itolbu għalija! Fittixt b'ħilti kollha li nkun il-bniedem t'Alla. Tajtu l-qima li tixraqlu u fhartu miċ-ċokon tiegħi. Fittixt li nkun fl-istess waqt il-bniedem mogħti għalikom: Xandartilkom il-Kelma tal-verità. Amministrajtilkom is-sagrament tal-maħfra. Iċċelebrajt is-sagrifiċċju Ewkaristiku għall-ħajja tagħkom. Waqaft magħkom fi tbatijietkom. Tlabt bla waqfien għalikom. Issa, intom, itolbu għalija.

*Non moriar sed vivam*! Ma mmutx imma ngħix!

"Tinsewnix", issemmgħalna mill-ġdid it-talba tagħha din il-qalb Ġorġjana! Komplu l-ħidma li jien wettaqt għall-ġid tal-Parroċċa tagħna b'umilta', b'kuraġġ, b'ġenerożità, bi tjubija, b'ħeġġa u b'pereveranza, għall-glorja t'Alla u għall-ġid ta' l-erwieħ.



Nisimgħuhom, iva, għażiż Arċipriet, dawn is-sejħat tiegħek.

Inroddu ħajr lil Alla għalik, u f'dan ir-radd ta' ħajr tagħna ngħoddu lis-saċerdoti kollha benefatturi tagħna li Alla għoġbu jagħtina u għadu sallum iżejjinna bil-preżenza u l-ħidma tagħhom fostna.

Inqimu t-tifkira tiegħek u naraw fiha tifkira eżemplari ta' ġentlom, ta' Nisrani serju fi kliemu u fi mġiebtu, ta' saċerdot ta' Kristu li wettaq b'imħabba kbira l-ministeru tiegħu, ta' arċipriet li minkejja l-età avanzata daħal b'ħeġġa li tgħaġġeb għad-dmirijiet pastorali tiegħu, ta' benefattur ta' San Ġorġ li jispirana bil-kreattività, il-kuraġġ, il-viżjoni u l-imħabba tiegħu.

Nitolbu għalik, Reverendissimu Monsinjur Arċipriet, sabiex issa fuqek, li tant għamilt għalina u li issa ma tista' tagħmel xejn għalik innifsek, tissawwab b'mod sħiħ il-grazzja ta' Alla li ssaffi kull tebgħa ta' ħtija, tqaddes u tagħti l-mistrieħ etern.

Jitlob għalik l-għażiż tiegħek huk Ġużeppi mis-sodda tat-tbatija fejn jinsab, u jitolbu għalik ukoll martu Vinċenza u n-neputijiet tiegħek. Titlob għalik il-Komunità Nisranija magħmula mis-saċerdoti u l-lajċi ta' din il-Parroċċa għażiża tiegħek li tant ibbenefikat mill-preżenza u l-ħidma tiegħek. Titlob għalik is-Soċjetà Filarmonika 'La Stella' li tagħha inti kont għal bosta snin id-direttur spiritwali. Jitolbu għalik tant saċerdoti li fis- seminarju rċivew it-tagħlim, l-għajnuna u l-eżempji tiegħek bħala professur u benefattur tagħhom. Jitolbu għalik il-missjonarji li għalihom kont benefattur u ħdimt bħala direttur ta' l-Uffiċċju Opri Missjonarji Pontifiċji. Jitolbu għalik dawk kollha li jafuk u jagħtuk il-ġieħ kbir li jixraqlek.

Nitolbu għalik aħna lkoll. Inressqu t-talb tagħna quddiem it-Tron ħanin ta' Alla bl-interċessjoni ta' San Ġorġ, il-Patrun u d-Difensur Setgħan tagħna u ta' l-Imqaddsa Marija, l-Omm Spiritwali tagħna.

Iva, għażiż Monsinjur Mercieca. Tisthoqqlok fuq fommok l-għajta: *Non moriar sed vivam*! Jalla dawn il-kelmiet ikunu jixirqu wkoll fuq fommna skond il-Fidi u l-Imħabba tagħna meta din is-siegħa tiegħek li ġiet fuqek tasal ukoll fuqna. Jalla kull wieħed u waħdna minna, f'dik is-siegħa jkun jista' jgħid miegħek, ma' tant erwieħ qaddisa imma fuq kollox ma' Sidek u Sidna Ġesù Kristu: Ma mmutx imma ngħix, u nhabbar l-għemejjel tal-Mulej. ■

jaqbad mill-p[aġna ta' quddiem

## IL-FUNERAL TA' MONS. EMANUEL MERCIECA ARĊIPRIET EMERITU TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

partikolarment assidwu fiż-żjarat lill-morda, fl-amministrazzjoni tas-sagrament tal-qrar u fil-predikazzjoni. Il-poplu tal-belt Victoria għandu tabilħaqq jgħoddu bħala benefattur kbir tiegħu. Mons. Mercieca temm il-kariga tiegħu bħala arċipriet meta' laħaq l-eta' kanonika ta' 75 sena. Fl-1976 laqa' b'idejh miftuħa l-ħatra ta' Mons. Salv Borg bħala s-suċċessur tiegħu.

Il-funeral ta' Mons. Mercieca sar nhar it-Tlieta, 29 ta' Awissu fil-4.40. Il-fdal tiegħu ġie milqugħ mill-Kapitlu u l-Kleru Għawdxi fis-salib ta' Triq ir-Repubblika u minn hemmek inġarr lejn il-Bażilika Ġorġjana bil-kant tas-Salm 50 mis-sezzjoni maskili tal-Kor 'Laudate Pueri' fuq il-mużika ta' Mons. Farrugia (Tal-Vers) . Fil-funeral, li tmexxa mill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia liebes l-abiti prelatizji, akkompanjaw il-membri tal-Kapitlu u Kleru tal-Parroċċa kif ukoll il-membri tal-Kumitat u l-bandisti tal-Banda Ċittadina 'La Stella' bħala vistużi, il-membri tal-Kunsill Parrokkjali u tal-kumitati u l-entitajiet oħra tal-Parroċċa fosthom il-membri tal-'Ladies Society' u tal-Kor 'Laudate Pueri', entitajiet tas-Soċjeta' 'La Stella' u folla kbira ta' nies li mxiet warajh jew kienet wieqfa fuq il-ġnub tat-toroq u l-pjazez li minnhom għaddha l-funeral. Waqt l-assoċjament tliet żgħażagħ lebsin l-abiti korali refgħu s-simboli saċerdotali, kapitulari u kavallereski ta' l-Arċipriet Mercieca. Intant il-qniepen kollha tal-Bażilika, akkompanjati mill-kampnari kollha tal-belt Victoria, daqqew il-mota tal-mewt ta' dan is-saċerdot.

Fil-Bażilika, Mons. Ġużeppi Farrugia ippresjeda Konċelebrazzjoni Solenni li fiha ħadu sehem 82 saċerdot, fosthom il-membri kollha li kienu jinsabu ġo Għawdex tal-Kapitlu u l-Kleru Ġorġjan, l-Arċipriet Emeritu Mons. Salv Borg, il-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci, id-Dekan tal-Kapitlu Katidrali Mons. Carmelo



Scicluna u l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Joe Vella Gauci. Ħadu sehem ukoll id-djakni Joseph Cardona u Joseph Grech mill-Parroċċa tan-Nadur.

L-artal u l-presbiterju tal-Bażilika ġew armati kif kienet tixraq l-okkażjoni. It-tebut tqiegħed fl-art fuq quddiem nett tal-presbiterju bis-simboli saċerdotali u l-ktieb tal-Vanġelu miftuħ fuqu, l-istess kif kien sar ftit tax-xhur ilu fil-funeral ta' Mons. Carmelo Sacco, Kanoniku Kantur. Kienet dehra sabieħa dik tat-tebut imqiegħed fuq tapit sabieħ, bil-blandun ta' l-Għid mixgħul ħdejh u s-saċerdoti mdawrin miegħu.

Il-żmiel tal-kant liturġiku laqat lis-saċerdoti u l-folla kbira li kienet preżenti. Tħalla f'idejn il-Kor 'Laudate Pueri' li bħas-soltu kien taħt id-direzzjoni ta' Dun George J. Frendo. Esegwixxa l-ordinarju tal-Quddiesa bil-Gregorjan alternat bejn l-*ischola* u l-poplu u motetti oħrajn bil-polifonija rinaxximentali u kontemporanja. Il-qari ta' l-Iskrittura sar mis-Sur Antoine Vassallo, Viċi-President tal-Kunsill Parrokkjali, u mis-Sur Dolindo Cassar, President tas-Soċjeta' Filarmonika 'La Stella'. Is-salm responsorjali tkanta minn Dun Joseph Mercieca, Vigarju Parrokkjali. L-offerti ttellgħu minn membri tal-familja Mercieca u rappreżentanti tal-Parroċċa.

Wara l-qari tal-Vanġelu, l-Arċipriet Mons. Ġ. Farrugia, li ippresjeda l-konċelebrazzjoni solenni, għamel l-omelija kif jixraq li jsir fil-liturġija funebri. L-omelija, iżda, kellha wkoll min-natura ta' orazzjoni kif kienet titlob l-okkażjoni. Il-figura ta' Mons. Mercieca, li kien mhux biss saċerdot imma wkoll arċipriet, kienet waħda 'pubblika' u għalhekk kien jixraq li jsir omaġġu tingħata testimonjanza għall-ħidma tiegħu.

Fi tmiem il-konċelebrazzjoni, wara t-talba ta' l-aħħar, Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, wettaq ir-rit ta' l-aħħar u ta l-barka ta' tmiem il-liturġija.

Għall-konċelebrazzjoni, minbarra l-familjari ta' Mons. Mercieca, attendiet is-Sinjura Tita Tabone bħala rappreżentant ta' żewġha l-Onor. Anton Tabone, Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Attendew ukoll l-Onor. Giovanna Debono, il-Ministru għal Għawdex, id-deputati għal Għawdex l-Onor. Victor Galea Pace, l-Onor. Dr Anton Refalo u l-Onor. Frederick Azzopardi, is-Sur Dolindo Cassar u s-Sur Paul Zammit, rispettivament il-President u s-Segretarju tas-Soċjeta' 'La Stella', kif ukoll il-membri tal-kumitat u l-membri kollha tal-Banda 'La Stella' li tagħhom Mons. Mercieca kien id-direttur spiritwali, membri tal-kunsilli u kumitati parrokkjali, mebri ta' l-Għaqdiet Kattoliċi u Nsara minn kull qasam tal-ħajja.

Wara li ntemmu l-funzjonijiet tal-Knisja, il-Banda 'La Stella' akkumpanjat t-tebut bid-daqq ta' marċi funebri sa Salib it-Tiġrija. L-Arċipriet Emeritu Mons. Salv Borg mexa quddiem it-tebut liebes l-abiti prelatizji assistit mill-Kan. Nikol Vella Apap. It-tebut intrefa' minn membri tas-Soċjeta' 'La Stella' u fost dawk li mxew warajh, mexa wkoll vistuż l-Arċipriet Ġużeppi Farrugia akkumpanjat mil-Kan. Joseph Borg (Major) f'rappreżentanza tal-Kapitlu u minn Dun Louis Bezzina bħala rappreżentant tal-Kleru, rispettivament.

Il-funeral u l-esekwiji kollha kienu trasmessi *live* permezz tar-Radju tal-Komunita' Parrokkjali 'Leħen il-Belt Victoria'. Minkejja diffikultajiet kbar, anki minħabba li l-kap tal-programmi Dun Effie Masini inħakem imsiefer, ir-radju nfetaħ u ittrasmetta mużika u programmi approprijati b'tifkira ta' Mons. Mercieca u għalhekk f'din l-okkażjoni wkoll ta servizz mill-aqwa.●

***Il-Pellegrinaġġi juru x'inhi il-ħajja tal-bniedem; jiġifieri il-mixja lejn id-Dar ta' Alla il-Missier. Il-Pellegrinaġġ għalhekk huwa 'don ta' grazzja' għax għandu valur penitenzjali. L-iskop ewlieni tal-Pellegrinaġġ huwa l-evanġelizzazjoni u minħabba f'hekk il-Knisja tinkoraġixxi l-pellegrinaġġi għaliex huma espressjoni qawwija ta' fidi."*** Silta mill-Ġublew, ktieb ta' Mons Salv Borg.

Kienet ċara l-espressjoni ta' fidi li ntweriet min numru kbir ta' pellegrini mill-Parroċċa ta' San Ġorg li dis-sena ħadu sehem f'pellegrinaġġ ġewwa Ruma organizzat mill-istess Parroċċa fl'okkazjoni tal-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000.

Il-grupp li kien magħmul minn saċerdoti , mizzewġin, żgħażagh, anzjani u tfal, b'kollox il-fuq minn mitt ruħ telaq minn Għawdex lejn il-Belt Eterna nhar l-Erbgħa 26 ta' Lulju u ġie akkomodat fiċ-ċentru kulturali u kummerċjali tal-kapitali Taljana. Mons. Arċipriet Ġużeppi Farrugia u Mons Salvu Borg akkumpanjaw u mexxew il-grupp tul il-qagħda tiegħu f'Ruma. Il-kor Laudate Pueri assista l-funzjonijiet liturġiċi li ppartecipajna fihom.

Kull pellegrinaġġ lejn Ruma hu karatterizzat mill-visti lejn il-Bażiliċi u Knejjes. L-ewwel vista tagħna kienet ġewwa l-Bazilika ta' San Pietru, sa mill-antik iċ-ċentru tad-dinja Kattolika Universali. Hawnhekk, bħal ma għamilna fil-Bażiliċi Ġubilari l-oħra, dħalna ġewwa t-Tempju t'Alla mill-Porta Santa, il-Bieb miftuħ mill-Papa fil-bidu tas-sena biex propju jinawgura s-sena tal-Ġublew Imqaddes. Dan hu rit sempliċi izda sinifikanti fis-simbolizmu li jirraprezenta. Ġewwa l-Bazilika ta' San Pietru zorna ukoll il-kripta fejn hu midfun l-ewwel Papa - San Pietru. Matul il-qagħda tagħna f'Ruma zorna diversi knejjes oħra u Bażiliċi fosthom l-Arċi-Bażilika ta' San Giovanni Laterano li hi ukoll il-Katidral ta' l-istess Belt, Bażilika antika tat-tieni seklu li magħha il-Bażilika Ġorġjana tal-Belt Victoria għadha rabtiet spiritwali u privileġġi. Iorna ukoll il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, meqjusa bħal l-ewwel knisja dedeikata lill-Madonna, il-Bażilika ta' San Paulo fuori Le Mure, Santa Prassede, Santa Croce in Gerusalemme, u La Scala Santa.

Vista speċjali u mportatanti kienet dik ġewwa il-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro fejn ir-Relikwa Insinji tal-qorriegħa ta' ras San Ġorġ tinsab venerata. Din il-Bażilika tas-seklu sitta, stabillixxiet ruħha bħala destinazzjoni għall-pellegrini meta il-Papa Żakkarija akkumpanjat mill-kleru Ruman sollennamet mexxa it-transulazzjoni tar-relikwa insinji mill-Arċi-Bażilika Laterana għal ġewwa il-Bażilika ta' San Giorgio al Velabro. Hawnhekk Mons. Arċipriet mexxa xi talb u fl-aħħar tkanta l-innu 'Georgius Nauts Est' mill-kor u l-pellegrini. Fit-2 ta' Awwissu il-gupp kien preżenti għall-udjenza tal-Qdusija tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II flimkien ma numru kbir ta' pellegrini li kienu ġejjin minn diversi pajjizi.

Ġew organizzati ukoll xi eskursjonijiet barra minn Ruma. Iorna il-Belt medjevali ta' Assis, Belt antika marbuta ħafna ma San Franġisk. Hawnhekk zorna l-Bażilika ddedikata lil dan il-qaddis mibnija fl' 1128 sentejn biss wara il-mewt tal-Qaddis. Fl-istess Bażilika kellna quddiesa għalina mexxija minn Mons. Salv Borg. Hawn kulħadd seta' jammira x-xogħol professjonali ta' restawr li sar fuq l-affreskit ta' Giotto u Cimabue li kienu ġew kwazi distrutti minħabba terrimot li ftit ta' snin ilu halla herba shiħa ġewwa ir-reġjun ta' l-Umbria.



*Il-Kor 'Laudate Pueri' waqt il-quddiesa fil-Bazilika ta' San Pietru.*

Iżda bla dubju il-quċċata ta' dan il-pellegrinaġġ intalħqet nhar il-Hadd 30 ta' Lulju meta ġewwa il-Bażilika ta' San Pietru fl'Istat tal-Vatikan assistejna għall-konċelbrazzjoni solenni immexxija minn Monsinjur Arcipriet Ġużeppi Farrugia, assistit mill-qassisin l-oħra, ġewwa il-Kattedra ta' San Pietru li kienet ippakjata bin-nies. Fl-omelija tiegħu kemm bil-Malti u bit-Taljan Mons. Arcipriet heġġeġ il-miġemgħa preżenti biex titlob għad-djoċesi ta' Għawdex u Malta, għall-Isfqijiet, għas-saċerdoti u speċjalment għall-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria sa mill-antik ċentru ħaj ta' reliġjożità u liturġija.

*Michael Formosa*



*Il-Grupp kollu li ha sehem fil-Pellegrinagg fil-Bazilika ta' San Giorgio al Velabro.*

## L-ARĊIPRIET F'SEMINAR INTERNAZZJONALI



L-Arċipriet, Mons Ġ. Farrugia, dan l-aħħar kien wieħed mill-kelliema mistiedna f'Seminar Internazzjonali organizzat mill-Fakulta' Teoloġika ta' Palermo. Dan is-Seminar, li fih ħadu sehem wkoll studjużi mill-Italja, Franza, Spanja, Ġermanja, Korea u s-Santa Sede, kien fuq it-teoloġija Kattolika dwar ir-reliġjonijiet li mhumiex Insara. Mons Farrugia, li hu għalliem fl-Universita' ta' Malta,kien mistieden jitkellem fuq it-Teoloġija Anglo-Sassona dwar dawn ir-Reliġjonijiet. Il-kontribut ta' Mons Farrugia se jiġi pubblikat fl-Italja.

*Fir-ritratt jidhru r-rappreżentant tas-Santa Sede u żewġ professuri, rispettivament mill-Università Gregorjana u l-Università Lateranensi flimkien ma' l-Arċipriet Ġ. Farrugia.*

A+M PRINTING LTD. - Qala - 553217